**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Norbert Häring

*Konvenut:* Hessischer Rundfunk

**Domandi preliminari**

1) Il-kompetenza esklużiva li tgawdi minnha l-Unjoni skont l-Artikolu 2(1) TFUE flimkien mal-Artikolu 3(1)(ċ) TFUE, fil-qasam tal-politika monetarja għall-Istati Membri li l-valuta tagħhom hija l-euro, tipprekludi l-adozzjoni minn wieħed minn dawn l-Istati Membri ta 'att leġiżlattiv li jimponi obbligu fuq entitajiet pubbliċi ta' dan l-Istat Membru li jaċċettaw karti tal-flus iddenominati f'euro bħala parti mill-implimentazzjoni ta 'obbligi ta' ħlas imposti mill-awtoritajiet pubbliċi?

2) L-istatus ta' karti tal-flus iddenominati f'euro bħala valuta legali skont it-tielet sentenza tal-Artikolu 128(1) TFUE, it-tielet sentenza tal-Artikolu 16(1) tal-Protokoll (Nru 4) dwar l-Istatuti tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u t-tieni sentenza tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 974/98 tat-3 ta 'Mejju 1998 dwar l-introduzzjoni ta' l-euro ([1]), jipprekludi awtoritajiet pubbliċi ta' Stat Membru milli jirrifjutaw li jeżegwixxu, fir-rigward ta' tali karti tal-flus, obbligu ta' ħlas impost mill-awtoritajiet pubbliċi, jew id-dritt tal-Unjoni jippermetti leġiżlazzjonijiet li jeskludu l-ħlas bil-karti tal-flus f'euro għal ċerti obbligi ta' ħlas imposti mill-awtoritajiet pubbliċi?

3) Fil-każ li l-ewwel domanda tingħata risposta fl-affermattiv u t-tieni domanda tingħata risposta fin-negattiv:

   Att leġiżlattiv ta' Stat Membru li l-valuta tiegħu hija l-euro, adottat fil-qasam tal-kompetenza esklużiva tal-Unjoni għall-politika monetarja, jista' jiġi applikat minn dakinhar 'il quddiem sakemm l-Unjoni ma tkunx għamlet użu mill-kompetenza tagħha?

---

([1]) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 10, Vol. 1, p. 111, rettifika fil-ĠU 2017, L 253, p. 41.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Curtea de Apel București (ir-Rumanija) fid-29 ta' Mejju 2019 — Cabinet de avocat UR vs Administrația Sector 3 a Finanțelor Publice prin Direcția Generală Regională a Finanțelor Publice București et**

**(Kawża C-424/19)**

(2019/C 288/36)

*Lingwa tal-kawża: ir-Rumen*

**Qorti tar-rinviju**

Curtea de Apel București

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Cabinet de avocat UR

*Konvenuti:* Administrația Sector 3 a Finanțelor Publice prin Direcția Generală Regională a Finanțelor Publice București, Administrația Sector 3 a Finanțelor Publice, MJ, NK

**Domandi preliminari**

1) Il-kamp ta' applikazzjoni tal-kunċett ta' "persuna taxxabbli" fis-sens tal-Artikolu 9(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud ([1]) jinkludi wkoll il-persuni li jeżerċitaw il-professjoni ta' avukat?

2) Il-prinċipju ta' supremazija tad-dritt tal-Unjoni jippermetti li jkun hemm derogi, fil-kuntest ta' proċedura sussegwenti, mill-awtorità ta' *res judicata* li minnha tgawdi deċiżjoni ġudizzjarja definittiva li permezz tagħha ġie stabbilit essenzjalment li, konformement mal-applikazzjoni u mal-interpretazzjoni tad-dritt nazzjonali dwar il-VAT, avukat ma jikkunsinnax oġġetti, ma jwettaqx attività ekonomika u ma jikkonkludix kuntratti ta' provvista ta' servizzi, iżda kuntratti ta' assistenza ġuridika?

([1]) ĠU 2006, L 347, p. 1, rettifika fil-ĠU 2007, L 335, p. 60.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Sofiyski rayonen sad (il-Bulgarija) fl-4 ta' Ġunju 2019 — Kumpannija tal-assigurazzjoni b'responsabbiltà limitata "Bulstrad Vienna Insurance Group" AD vs Kumpannija tal-assigurazzjoni "Olympik"**

**(Kawża C-427/19)**

(2019/C 288/37)

*Lingwa tal-kawża: il-Bulgaru*

**Qorti tar-rinviju**

Sofiyski rayonen sad

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Kumpannija tal-assigurazzjoni b'responsabbiltà limitata "Bulstrad Vienna Insurance Group" AD

*Konvenuta:* Kumpannija tal-assigurazzjoni "Olympik"

**Domandi preliminari**

1) Fl-interpretazzjoni tal-Artikolu 630 tal-Kodeks za zastrahovanieto (il-Kodiċi tal-assigurazzjonijiet), fid-dawl tal-Artikolu 274 tad-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni (Solvibbiltà II) ([1]), għandu jitqies li d-deċiżjoni ta' awtorità ta' Stat Membru li tirtira l-liċenzja ta' assiguratur u li taħtar stralċjarju provviżorju għal dan l-assiguratur, mingħajr ma tiftaħ proċedura ġudizzjarja ta' stralċ, tikkostitwixxi "deċiżjoni li jibdew proċeduri ta' stralċ"?

2) F'sitwazzjoni fejn id-dritt tal-Istat Membru fejn jinsab l-uffiċċju rreġistrat tal-assiguratur li l-liċenzja tiegħu tkun ġiet irtirata u li għalih ikun inħatar stralċjarju provviżorju jipprevedi li, fil-każ li jinħatar stralċjarju provviżorju għandhom jiġu sospiżi l-proċeduri ġudizzjarji kollha kontra din il-kumpannija, dawn ir-regoli għandhom jiġu applikati mill-qrati tal-Istati Membri jekk dan ma jkunx previst espliċitament fid-dritt nazzjonali tagħhom, u dan bis-saħħa tal-Artikolu 274 tad-Direttiva 2009/138?

([1]) ĠU 2009, L 335, p. 1, u rettifiki fil-ĠU 2014, L 219, p. 66, u fil-ĠU 2016, L 262, p. 34.